Minuti tas-sitta u ħamsin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja (bħala tkompli tal-laqgħa nru 55/7) li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar l-Erbgħa 04 ta' Novembru 2015 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Service Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| | Ambaxxatriċi | Sarah Camilleri |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:
   a. Minuti 54/7 – 23 ta' Settembru 2015

2. Komunikazzjonijiet:
   a. Sindku
   b. Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri:
      i. Viċi Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Mozzjoni rigward reati rrapportati fl-Għassa tal-Gudja mressqa minn Mark Anthony Sammut u ssekondata minn Stefan Caruana

4. Rapporti:
   a. Ilmenti

5. Proġett ta' Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa – bankini u *resurfacing* – pendenzi, kontijiet u pagamenti

6. Xogħol ta' *back office* fil-bini amministrattiv tal-Kunsill f'nru 88 Triq R. Caruana.

7. Live Streaming tal-laqgħat tal-Kunsill

8. Attività – JChallenge mit-13 sal-15 ta' Novembru 2015 fl-area tal-Ġnien Raymond Caruana - progress

9. Finanzi:
   a. *Petty Cash*
   b. Skeda ta' Pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Temi u Xogħlijiet Pendenti:

a. L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja - żviluppi
b. Playing field fi Ġnien Raymond Caruana - Progress dwar manutenzjoni u kontijiet pendenti
c. Triq Ruzar Formosa - progress
d. CCTV cameras ġewwa l-Gudja – progress mar-Reġjun
e. Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC u l-Youth Nursery
f. Xogħlijiet ta' konkos/asfaltar fi Triq tal-Lampat
g. Proġett ta' restawr – progress dwar l-applikazzjoni
h. Barriers fi Triq il-Kbira, il-Gudja

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

NB: Din hija laqgħa ta' tkomplija ta' laqgħa nru 55/7 u għandha tkompli fuq l-istess aġenda tal-laqgħa msejħa għat-Tnejn 19 ta' Ottubru 2015.

**4.0 <u>Rapporti</u>**

4.1 Dwar l-ilmenti l-Kunsill ħa konjizzjoni ta' dawn l-ilmenti li waslu għand il-Kunsill waqt dan il-perjodu u ngħata tagħrif dwar dak li sar u tweġibiet u progress li nkiseb sabiex kull min ikun għamel l-ilment ikollu s-sodisfazzjoni li l-Kunsill ikun għamel dak meħtieġ skont iċ-ċirkustanzi tal-ilment rispettiv.

5. Proġett ta' Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa – bankini u *resurfacing* – pendenzi, kontijiet u pagamenti

5.1 Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni li l-Perit tal-Kunsill iċċertifika x-xogħlijiet u qabel li jagħmel il-pagamenti kif dovuti u kif diġà maqbul f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill qiegħed ukoll b'konsultazzjoni mal-Perit Bartolo sabiex tiġi solvuta l-problema tal-għargħar fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa.

**6.0 <u>Xogħol ta' *back office* fil-bini amministrattiv tal-Kunsill f'nru 88 Triq R. Caruana</u>**

6.1 Il-Kunsill iddeċieda illi b'seħħ immedjat dan ix-xogħol ta' *back Office* li ma jirrekjedix sejħiet mill-pubbliku għand il-Kunsill jkompli jsir fil-bini amministrattiv tal-Kunsill f'nru 88 Triq R. Caruana. Il-ħin għall-pubbliku mill-uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit ikun mit-8.00am sas-1.30pm., filwaqt ix-xogħol amministrattiv ikompli fil-bini amministrattiv 88 Triq R. Caruana mis-1.30pm. sat-3.30pm.

**7.0 <u>Live Streaming tal-laqgħat tal-Kunsill</u>**

7.1 Il-Kunsill ikkonferma li dan il-*live streaming* għandu jiġi installat fl-uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit u jibda wara li jingħata taħriġ u tagħrif meħtieġ dwar l-użu ta' dan l-

apparat sabiex meta jibda' jkun hemm il-*live streaming* dan ikun jista' jsir bla interruzzjoni jew diffikultajiet oħra.

**8.0 <u>Attività – JChallenge mit-13 sal-15 ta' Novembru 2015 fl-area tal-Ġnien Raymond Caruana – progress</u>**

8.1 Din l-attività diġà ġiet imsemmija fil-minuti preċedenti. Waqt din il-laqgħa (55/7) is-Sur Caruana kkonferma li din l-attività hija mifruxa fuq 3 ijiem (13, 14 u 15 ta' Novembru 2015). Il-kunċert li huwa attività tal-Kunsill sejjer ikun fl-14 ta' Novembru 2015 ġewwa t-teatru Grieg u jibda fid-8.45pm.

8.2 Il-Presidenti ta' Malta l-ET Coleiro Preca sejra tiftaħ u tagħti bidu għal din l-attività fit-13 ta' Novembru 2015 fis-6.00pm.

8.3 Dwar sehem finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Caruana qal li l-Kunsill sejjer jirċievi s-somma ta' €500.00 mill-Gvern Ċentrali u għalkemm il-Kunsill kien qabel li seta' joħroġ l-istess somma, is-somma li jista' joħroġ il-Kunsill mhux se tinqabeż it-€300.00.

8.4 Saret diskussjoni li din l-attività sejra tkun ibbażata kollha madwar Ġnien R. Caruana u għalhekk dan huwa post sikur u ma jirrikedix il-bżonn ta' ħafna pulizija.

Is-Sindku qal li sejjer jitlob li l-Għassa tkun miftuħa u li jkun hemm *police patrol* sabiex dawn joffru sigurtà kif tkun meħtieġa.

8.5 Is-Sur Caruana stieden lil kulħadd sabiex jattendu u jieħdu sehem.

**9.0 <u>Finanzi</u>**

9.1 *Petty Cash.* Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Settembru 2015 għall-ammont ta' €80.92 hekk skont kif ippreżentata.

9.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2015 (skeda 26/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €20,970.33 u li jinżammu xi pagamenti (għalkemm approvati) skont kif ikun intqal aktar 'il fuq f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa.

9.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

9.3.1 Il-Kunsill għamel referenza għal xiri u xogħlijiet, servizzi u materjal kif ikun imsemmi aktar 'il quddiem f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa u qabel li jipproċedi bil-finanzjament kif u meta jkun meħtieġ.

9.3.2 Barra dan il-Kunsill approva x-xiri u finanzjament kif indikat hawn taħt.

i. 60 borża *cold asphalt*
ii. qlugħ ta' *sleeping policeman* fi Vjal it-Torri
iii. xogħol ta' skip fi Triq Birżebbuġa fil-kampanja
iv. xiri ta' 6 seratizzi għall-invellar tal-konkos. Dwar dan il-Perit tal-Kunsill sejjer jagħmel rapport dwar il-livelli meħtieġa u jimmarka dan fuq pjanta.

**10.0 Temi u Xogħlijiet Pendenti**

10.1 L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja – żviluppi. Il-Kunsill għadu qed jistenna r-rapport tal-Perit dwar il-proġett propost ta' rampa u taraġ biswit id-daħla tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja.

10.2 *Playing field* fi Ġnien Raymond Caruana - Progress dwar manutenzjoni u kontijiet pendenti. Sar il-pagament finali. Il-Kunsill qed jikkonsidra *service agreement* dwar il-manutenzjoni tal-post.

10.3 Triq Ruzar Formosa – progress. Il-Kunsill għandu qed jinsisti li x-xogħol meħtieġ isir u li jirrispetta l-ambjent tal-istess triq.

10.4 CCTV cameras ġewwa l-Gudja – progress mar-Reġjun. Il-Kunsill qabel li jinsisti mar-Reġjun sabiex jikseb il-finanzjament kif imwiegħed.

10.5 Għotja ta' Automated External Defibrillator (AED) – Ftehim mal-Gudja United FC u l-Youth Nursery. Il-Kunsill qed jipprepara programm ta' taħriġ u abbozz ta' ftehim.

10.6 Xogħlijiet ta' konkos/asfaltar fi Triq tal-Lampat. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni li l-istruttura tat-triq ma tiflaħx vetturi tqal bħal bowżers u għalhekk filwaqt li għandu jitlob l-għajnuna ta' TM sabiex it-triq issir sewwa, jitlob ukoll lit-TM sabiex tapprova li vetturi tqal ma jidħlux minn din it-triq. Il-Kunsill huwa tal-fhema li fiċ-ċirkustanzi x-xogħol ta' tiswija billi timla ħofor bil-konkos filwaqt li jidħlu u joħorġu bowżers biż-żejt ikun ħela ta' flus u għalhekk l-għajnuna tat-TM hija meħtieġa.

10.7 Proġett ta' restawr – progress dwar l-applikazzjoni. Il-Kunsill qed isegwi l-proċess.

10.8 *Barriers* fi Triq il-Kbira, il-Gudja. Il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tat-TM.

**11.0 Għeluq tal-laqgħa u aġġornament**

11.1 Skips fit-tarf ta' Triq J. Gravina, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li dawn jitneħħew u flokhom jinħolqu *parking bays*.

11.2 Tiżjin u dawl fit-toroq prinċipali mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta, Soċjetà Filarmonika La Stella u mill-Grupp Armar Festa Santa Marija. Il-Kunsill qabel u li dan għandu jsir fuq l-istess bażi bħas-snin preċedenti. Il-Kunsill qabel ukoll illi dawn l-għaqdiet jistgħu jagħmlu ameljorament tat-tiżjin kif jidrilhom u kif ikun meħtieġ.

11.3 Sinjali sofor quddiem il-ħanut Cheaper & Deeper. Il-Kunsill ħa konjizzjoni ta' din it-talba u qabel li dan mhux possibbli għax jista' joħloq aktar diffikultà minn dak preżenti.

11.4 Ħarġa għall-Għawdex fit-12 ta' Diċembru 2015. Il-Kunsill qal li din se ssir nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru 2015 bil-prezzijiet ississidjati mill-Kunsill ta' €11.50 għall-adulti, €7 għat-tfal u €10 għall-anzjani. Persuni barra mill-Gudja skont dawn il-prezzijiet adulti €17.00, tfal €10 u anzjani €15. Dawn il-prezzijiet jinkludu kollox anke l-vapur li huwa prezz speċjali taħt l-iskema tal-Gozo Channel.

11.5 Kors ta' *crafts – beading*. Sa. Grech qalet li issa kienet iċċarat il-pożizzjoni kif sejjer jingħad:-

Pagament lill-Arċipriet għall-użu tas-sala huwa ta' €150 (użu ta' 10 lezzjonijiet ta' sagħtejn kull lezzjoni). Pagament lil għalliema €25 għal kull lezzjoni ta' sagħtejn. Persuni residenti il-Gudja jħallsu €10.00 u dawk barra mill-Gudja iħallsu €15.00

11.6 Rotta 88. Il-Kunsill ġie infurmat li din ir-rotta li għandha tkun topera l-istess bħar-rotta 8 (l-antika) Gudja – Valletta – Gudja sejra tibda fit-22 ta' Novembru 2015. Din ir-rotta sejra wkoll ikollha l-venda fil-Gudja kif kien isir fl-imgħoddi. Il-Kunsill ikkonsidra wkoll li jitneħħew il-parkeġġ eżistenti ħdejn il-gażibo sabiex jerġa' jiġi stabbilit it-terminus.

11.7 Bini ġdid għall-amministrazzjoni tal-Kunsill.

a. Bdil tal-LLL Centre. Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni li qed iseħħ ftehim li jikseb żewġ kmamar (li jeħtieġu xogħol ta' livellar tal-art u ftuħ ta' bieb u twieqi u xogħlijiet oħra) f'parti mill-bini tal-Iskola Primarja. Dan ifisser li l-Kunsill iċedi l-pretenzjonijiet tiegħu tal-kamra diġà stabbilita bħala LLL Centre u jibda jopera minn dawn il-kmamar

b. Il-Kunsill qabel li jwarrab il-ħsieb li jikkonsidra t-talba sabiex jagħmel binja tal-bini amministrattiv f'tarf tal-iskola. F'dan l-istadju l-Kunsill jinsab jikkonsidra erba' postijiet:-

i. art fuq il-ġibjun (soak away) Ta' Xlejli
ii. art biswit Palazzo d'Aurel
iii. art bejn il-bini fi Triq il-Markiża
iv. binja fi Ġnien R. Caruana

Il-Kunsill jinsab impenjat sabiex jikseb id-disponibilità ta' dawn is-siti.

11.8 Kuntratt ġdid u miżuri oħra dwar ta' ġbir ta' skart domestiku. Is-Sur Baldacchino qal peress li jidher li l-Kunsill tal-qrib tal-Gudja neħħew l-iskips il-ħodor fejn jinġabar l-iskart domestiku jidher li l-Gudja qed tisfa milquta ħażin minn diversi miżbliet żgħar li jinġemgħu f'diversi nħawi speċjalment meta jintefgħu boroż ta' skart li ta' sikwiet jinfetħu meta jintefgħu minn vetturi li lanqas biss jieqfu sabiex jiddepożitaw dan l-iskart.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra x'azzjoni jista' jieħu sabiex dawn il-miżbliet ma jkomplux ġewwa l-Gudja u li jekk wasal iż-żmien li l-iskips il-ħodor għandhom jitneħħew.

Is-Sur Baldacchino qal li l-kuntratt ġdid tal-ġbir ta' skart għandu jkollu dawn il-provedimenti:-

i. l-iskart għandu jinġabar kull ġurnata tal-ġimgħa (jinkludi ħdud u festi kollha)
ii. l-iskart għandu jinġabar sa mhux aktar tard mill-10.00am

Il-Kunsill ikun jista' jitlob li jitpoġġew sa 5 skips għad-depożitu ta' skart domestiku li wkoll għandhom jitnaddfu kuljum, f'postijiet li jidhirlu l-Kunsill.

Marbuta ma' dan il-Kunsill għandu jitlob lill-GreenPak li l-ġbir tal-iskart separat isir darbtejn fil-ġimgħa – it-Tlieta u l-Ħamis.

Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u qabel ukoll li jipproċedi fil-ħruġ tat-tender għal kuntratt ta' ġbir ta' skart domestiku skont il-proċeduri stabbiliti.

**<u>Aġġornament:-</u>**

Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm u aġġorna għall-Erbgħa 02 ta' Diċembru 2015 fit-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________